MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru. 37/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PETER PAUL PORTELLI**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Peter Paul Portelli bin Anthony u Antoinette nee` Sacco imwieled fid-29 ta' Settembru 1975 u residenti Nru 4, Triq l-Isqof M.F. Buttigieg, Nadur, Ghawdex, Karta ta' l-Identita` Numru 24775(G) akkuzat talli nhar l-24 ta' Dicembru 2003 ghall-habta ta' l-9.55a.m. u qabel, fl-inhawi "Ta' Bordin" limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur, ghamel uzu minn mezz elettroniku, jew uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati (Pre-recorded bird caller). Aktar talli

waqt li kien jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 812;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 13 (1b) Regolament 10 ta' l-Avviz Legali 146/93;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat, liema ammissjoni hija volontarja u registrata fil-prezenza ta' l-avukat difensur tieghu;

Fuq ammissjoni ssibu hati u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------